

Brussell, 25 ta' Meju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0051(COD)

9396/1/23
REV 1

POLCOM 87
COEST 315
CODEC 866

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-23 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha¹ lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 207(2) TFUE.
2. Fid-9 ta' Meju 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet dwar l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill².

¹ 6793/23.

² 9001/23.

3. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 19/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Ungerija tastjeni.

4. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
